L-Ekokritika: Libsa Universali lill-Poeżija Maltija

Ann Marie Scerri

Mixja universali

Il-kuxjenza moderna tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin għarfet id-dinja bħala soċjetà waħda, fejn il-membri kollha kellhom ikunu ttrattati ndaqs. Fost it-tibdiliet soċjali li seħħu, kien hemm l-emanċipazzjoni tal-mara fl-oqsma kollha tal-ħajja u l-għarfien tan-natura bħala s-sieħba essenzjali tal-bniedem matul ħajtu kollha. F'dan iż-żmien, il-letteratura kompliet turi ruħha utli u effettiva, minħabba li ħafna kittieba kienu qed jinqdew biha sabiex iwasslu l-ideat tagħhom favur bidla soċjali msejsa fuq il-ġustizzja. Il-movimenti kritiċi ta' dan iż-żmien bdew janalizzaw it-testi letterarji minn perspettivi moderni u bdew iħeġġu l-kitba ta' letteratura li kellha fiċ-ċentru tagħha problemi soċjali ġodda.

Il-moviment ta' l-ekokritika twieled bil-għan li juża l-letteratura sabiex jagħti vuċi lill-ambjent naturali li kien qed jinqered bla heda, l-aktar wara s-snin sittin u sebgħin. L-ekokritika bdiet tindirizza problema universali ġdida li kienet qed tħalli impatt ikrah fuq id-dinja kollha. L-ekokritika hija fost l-iżgħar movimenti kritiċi letterarji, għax il-bidu tagħha jmur lura biss sa nofs is-snin tmenin. Għalkemm dan il-moviment kritiku m'ilux ħafna mwaqqaf uffiċjalment, il-kitba letterarja li tagħti leħen lin-natura tmur lura għal qabel is-snin sebgħin. Fin-nuqqas ta' teorija kritika komuni, il-kittieba u l-kritiċi li interessaw ruħhom fir-rabta bejn il-letteratura u l-ambjent naturali kienu maqtugħin minn xulxin

u ftit kellhom aċċess għax-xogħlijiet u l-ideat ta' xulxin. L-ekokritika għaqqdet ix-xogħlijiet u l-attitudnijiet ta' ħafna kittieba differenti li l-għan ewlieni tagħhom kien l-użu tal-letteratura għall-ħarsien u l-apprezzament tan-natura.

L-ewwel passi lejn il-bini ta' l-ekokritika bdew f'nofs is-snin tmenin; u fid-disgħinijiet l-istudju tal-letteratura ekoloġika sar rikonoxxut minn bosta assoċjazzjonijiet letterarji u universitajiet fl-Amerika u fl-Ingilterra. L-ekokritika kompliet tissaħħaħ meta bdiet tkun is-suġġett ewlieni ta' konferenzi letterarji prestiġjużi bħal dawk organizzati mill-*Modern Language Association*, *American Literature Association*, u *Western Literary Association*.[1] L-akbar spinta li ħadet l-ekokritika, madankollu, kienet fl-1992, meta ġiet iffurmata l-*Association for the Study of Literature and Environment* (ASLE).[2] Is-sit elettroniku li għandha l-ASLE jagħti deskrizzjoni ċara tal-missjoni li għaliha twaqqfet: " [. . .] *to promote the exchange of ideas and information about literature and other cultural representations that consider human relationships with the natural world.*"[3] Fl-1993, din l-assoċjazzjoni letterarja ħarġet l-ewwel ġurnal tagħha, bl-editur Patrick D. Murphy. Il-ġurnal *ISLE, Interdisciplinary Studies in Literature and Environment*, li jinkludi diskussjonijiet kritiċi dwar il-letteratura li tindirizza l-ambjent naturali, jixhed l-għeruq sodi li qabdet l-ekokritika u l-kitba ta' letteratura b'temi ekoloġiċi.[4]

Illum l-ekokritika hija fergħa tal-kritika letterarja rrikonoxxuta minn ħafna organizzazzjonijiet letterarji, universitajiet, u kritiċi madwar id-dinja. Il-popolarità u d-dinjità li tgawdi l-ekokritika llum huma lkoll mertu ta' l-ASLE li għaqqdet ħafna kittieba u kritiċi bl-għan li jużaw il-letteratura sabiex il-bniedem jifhem aktar ir-relazzjoni li għandu man-natura. Minn din l-assoċjazzjoni ħarġu l-esponenti ewlenin ta' l-ekokritika fosthom, Cheryll Glotfelty, Patrick D. Murphy, Glen A. Love, William Rueckert, u Gary Snyder.

Ħafna biċċiet li jsawru karattru wieħed

Il-kuxjenza favur ambjent naturali ħieles u mhux ikkundizzjonat mill-progress taċ-ċiviltà huwa sentiment antik. Mat-twelid tal-qerda tad-dinja naturali,

1 Cheryll Glotfelty, "Introduction: Literary Studies in an Age of Environmental Crisis," *The Ecocriticism Reader: Landmarks in Literary Ecology,* ed. Cheryll Glotfelty, Harold Fromm (Georgia: U of Georgia P, 1996) xvii-xviii.

2 Glotfelty.

3 *Association for the Study of Literature and the Environment ASLE*, @sle online, 2003. 16 ta' Marzu, 2003 <http://www.asle.umn.edu/>.

4 *ISLE, Publications and Programs, ASLE.*

twieldu wkoll l-ilħna ekoloġisti li riedu jsalvaw l-ambjent oriġinali tad-dinja li jgħajjex lill-bniedem. Fl-artiklu tiegħu, "A Report Card on Ecocriticism," Simon C. Estok jisħaq dwar l-universalità u l-antikità tal-kuxjenza ambjentali li titkellem favur in-natura: "*From ancient times to the present, various people at various times and for various reasons have voiced concerns about the natural world.*" [5] Minn din il-kuxjenza antika joħroġ il-qofol essenzjali ta' l-ekokritika: ir-relazzjoni bejn il-letteratura, il-leħen tal-bniedem, u l-ambjent naturali. Id-definizzjoni ta' din il-fergħa tal-kritika letterarja mhix waħda faċli. Għalkemm il-qofol ta' l-ekokritika jidher li huwa wieħed stabbilit u aċċettat minn bosta, hemm ħafna aspetti ta' din il-kritika li għadhom qed jiżviluppaw.

Fl-introduzzjoni għall-ktieb *The Ecocriticism Reader*, Glotfelty tgħid li l-ekokritika tistudja r-relazzjoni bejn il-letteratura u l-ambjent fiżiku tad-dinja.[6] L-ekokritika tistħarreġ it-testi letterarji mill-viżjoni ekoloġika, hekk kif tidħol fil-qalba tar-relazzjoni bejn in-natura u l-kultura. Bħal kull kritika letterarja oħra, l-ekokritika tagħmel enfasi fuq ir-relazzjoni bejn il-kittieb, it-test, u d-dinja. Glotfelty tisħaq fuq it-twessigħ tal-konnotazzjonijiet li għandu t-terminu "dinja" fl-ekokritika: "*Ecocriticism expands the notion of 'the world' to include the entire ecosphere.*" [7]

Lawrence Buell, fil-ktieb tiegħu *The Environmental Imagination* (1996), jagħraf l-istudju ta' l-ekokritika bħala utli jekk ikun imsieħeb ma' ħidma ambjentalista prattika.[8] Għal Buell, ir-relazzjoni bejn il-letteratura u l-ambjent naturali ma tfisser xejn jekk ma tqanqalx ħidma serja favur in-natura. Għalhekk, l-ekokritika trid iġġib bidla soċjali u ma tibqax marbuta biss ma' l-analiżi ta' l-irwol li għandha n-natura fit-testi letterarji. L-awturi tal-ktieb *Reading the Earth* (1998), Michael P. Branch *et al*, jippruvaw imorru lil hinn mill-istudju konvenzjonali ta' l-ekokritika u jfittxu li l-letteratura tibni kuxjenza soċjali ġdida li tkun imsejsa fuq l-għaqda bejn il-bniedem u dak kollu li jimla d-dinja ta' madwaru:

---

5 Simon C. Estok, "A Report Card on Ecocriticism," *The Journal of the Australiasian Universities Language and Literature Association* (Nov. 2001): 220-38. 11 ta' Marzu, 2003 <http.//www.asle.edu/>.

6 Glotfelty xviii.

7 Glotfelty xix.

8 Estok.

Ecocriticism is not just a means of analyzing nature in literature; it implies a move toward a more biocentric world-view, an extension of ethics, a broadening of humans' conception of global community to include nonhuman life forms and the physical environment. [9]

Richard Kerridge jiddiskuti l-funzjoni utli li għandu l-ekokritiku fis-soċjetà moderna. Fl-introduzzjoni għall-ktieb *Writing the Environment: Ecocriticism and Literature* (1998), Kerridge jgħid li l-ekokritiku għandu jkun interessat fir-rappreżentazzjonijiet ta' l-ambjent naturali b'mod universali, għax id-dinja kollha għaddejja mill-istess kriżi qerrieda.[10] Mit-testi letterarji, l-ekokritiku jislet l-ideat li jersqu l-aktar qrib lejn il-kuxjenza ambjentali li tista' ssalva lid-dinja minn din il-kriżi.

Mill-kuxjenza antropoċentrika għall-kuxjenza ekoloġika

L-ekokritika biddlet iċ-ċentru ta' l-attenzjoni li l-letteratura żammet għal ħafna snin l-istess. Minflok il-bniedem, l-ekokritika poġġiet fil-qofol tal-letteratura lin-natura u l-ħtiġijiet kollha tagħha. L-ambjent naturali sar il-protagonist ewlieni tal-letteratura ekoloġika, li riedet twarrab l-ideat u l-ħsibijiet antropoċentriċi li għal ħafna żmien iddominaw il-letteratura. Il-letteratura moderna riedet tilħaq lil kull membru tas-soċjetà, għalhekk il-kittieba bdew iwarrbu l-eroj nazzjonali u jagħtu prominenza lill-vittmi tas-soċjetà, fosthom in-natura. L-ekokritika biddlet il-protagonist tal-letteratura moderna, u mexxiet il-letteratura minn kuxjenza antropoċentrika, li ddur mal-ħtiġijiet tas-soċjetà, għall-kuxjenza ekoloġika, li twessa' l-viżjoni tal-ħajja għax tiffoka fuq l-ambjent universali fejn jgħixu l-ħlejjaq kollha tad-dinja, inkluż il-bniedem.[11]

Iċ-ċaqliq minn kuxjenza antropoċentrika għall-kuxjenza ekoloġika joffri l-ewwel passi lejn is-soluzzjoni għall-problemi ambjentali globali. L-ekokritika nebbtet kuxjenza ekoloġika universali li bdiet iġġiegħel lill-bniedem iħares lejn id-dinja bħala katina waħda ta' ambjenti differenti: l-ambjent uman li bena

---

9 Estok.

10 Estok.

11 Glenn A. Love, "Revaluing Nature," *The Ecocriticism Reader: Landmarks in Literary Ecology*, 230.

l-bniedem kif ukoll l-ambjent naturali qadim. Il-kuxjenza ekoloġika ġdida għamlet lill-bniedem konxju tan-nisġa naturali qadima li hu jagħmel parti minnha, u wrietu li l-għeruq li jagħtuh il-ħajja għadhom imqabbdin fin-natura.[12] Il-bniedem intebaħ li hu mhux iċ-ċentru tad-dinja u li d-dinja ma kinetx maħluqa biex taqdi lilu biss. Id-dinja hi d-dar ta' ħlejjaq oħra li bħall-bniedem għandhom il-problemi tagħhom.

Il-bidla fiċ-ċentru tal-letteratura, mill-bniedem għan-natura, ma kellhiex l-għan li tqanqal il-ħarba mill-problemi soċjali taż-żmien; anzi, riedet iddaħħal lill-bniedem aktar fil-qalba tal-problemi billi turih ir-realtà li ma jafx biha jew li qiegħed jaħrab. Il-kuxjenza ekoloġika għabbiet l-għażliet tal-bniedem b'responsabbiltajiet ġodda. Id-deċiżjonijiet tal-bniedem kellhom jibdew jittieħdu skond il-ħtiġijiet naturali, kemm tal-bniedem kif ukoll ta' l-annimali u l-ħxejjex. L-għażliet tas-soċjetà moderna bdew ikunu bbażati fuq prinċipji ekoloġiċi. Bosta liġijiet u regolamenti bdew jillimitaw l-attivitajiet tal-bniedem minħabba raġunijiet ekoloġiċi. Il-falliment tal-progress teknoloġiku għamel lill-bniedem konxju taċ-ċokon u l-fraġilità tiegħu, l-aktar meta pprova jbiddel id-dinja għall-ħtiġijiet esklużivi tiegħu: "[...] *our task is not to remake nature so that it is fit for humankind, but as Thoreau says, to make humankind right for nature*."[13] L-idea li l-umanità taddatta ruħha għan-natura qatgħet il-letteratura moderna mill-viżjoni antropoċentrika tad-dinja u b'mod aktar miftuħ bdiet tagħraf il-ħtiġijiet universali tal-bniedem billi interessat ruħha fil-bżonnijiet tan-natura li ssostni l-umanità.

Il-poeta: l-ewwel ekoloġista

Il-letteratura moderna hija l-pjattaforma ewlenija li fuqha ġew esposti l-prinċipji fundamentali ta' l-ekokritika. Il-kittieba moderni Maltin, li huma wkoll l-ilħna ekoloġisti tal-gżira, daħħlu f'Malta l-ewwel xrar ta' l-ekokritika. Fil-poeżija moderna tinħass qawwija l-influwenza tal-kuxjenza ekoloġika ġdida li bdiet tinfirex madwar id-dinja minn wara l-ħamsinijiet. L-imħabba tal-poeta lejn in-natura tixref fil-poeżija ekoloġika, li tħallat il-prinċipji fundamentali ta' l-ekoloġija ma' l-elementi l-aktar essenzjali tal-letteratura: it-tagħlim u s-sentiment. Mill-poeżija ekoloġika, il-poeta joffri viżjoni ġdida

---

[12] Harold Fromm, "From Transcendence to Obsolescence: A Route Map," *The Ecocriticism Reader: Landmarks in Literary Ecology*, 36.

[13] Love 230.

tad-dinja mibnija fuq il-liġijiet u l-proċessi tan-natura li l-bniedem jeħtieġ li jirrispetta sabiex jibqa' jgħix u jiżviluppa b'mod sħiħ.

Qabel kull xjenza u studju ieħor, kien il-poeta l-ewwel ekoloġista, li ntebaħ bin-nisġa ta' relazzjonijiet fin-natura, li rrapporta s-sitwazzjoni ambjentali tad-dinja, u li ta leħen lill-ħlejjaq siekta. Il-kliem li qed itennu bħalissa l-gruppi ambjentalisti ilu jintqal għal bosta snin mill-poeti, għax huma kienu "L-ewwel ekoloġisti, l-ewwel membri ta' din id-duttrina favur il-ħolqien t'Alla [. . .] ."[14] Il-poeti moderni komplew isaħħu t-tradizzjoni ekoloġika li bdew ir-romantiċi, għalkemm iż-żewġ movimenti raw fin-natura temi differenti. Filwaqt li l-poeti romantiċi daru ma' l-imkejjen naturali Maltin sabiex bnew sens ta' nazzjonalità bbażat fuq il-kuxjenza tal-post u ta' l-ispazju fiżiku ġeografiku, il-poeti moderni tgħabbew bil-piż tal-kuxjenza ekoloġika sabiex jirrappurtaw il-qagħda reali tan-natura Maltija u universali. Il-poeta romantiku Malti li l-aktar joqrob lejn il-ħsieb modern ta' l-ekokritika huwa Anton Buttigieg. Buttigieg inqata' mit-tiftixa romantika għall-identità nazzjonali u ħares lejn in-natura lokali bħala stat ta' perfezzjoni universali mfixkel biss mill-indħil tal-bniedem.[15]

Bħala ekoloġista, il-poeta modern huwa konxju tan-nisġa kumplessa ta' relazzjonijiet li hemm bejn il-ħlejjaq tan-natura. Kull parti tan-natura tidher magħquda mal-bqija ta' ħutha l-ħlejjaq l-oħra. In-nisġa tan-natura tqis lil kull membru importanti għax huwa jservi bħala l-pass vitali għall-ħlejjaq l-oħra fil-katina ta' l-ikel. Il-katina li tgħaqqad lill-ħlejjaq, Ġorġ Borg jużaha sabiex jivvjaġġa fil-qalba tan-natura u jġarrab l-akbar esperjenza ta' għaqda perfetta. Permezz ta' l-immaġinazzjoni, fil-poeżija "Dil-Fjura," Borg jitlaq miċ-ċokon tal-fjura sabiex iġarrab il-kobor u l-espansjoni tan-natura:

F'dil-fjura miftuħa
hawn spazji immensi
bi xmajjar
jintilfu f'għadajjar
b'muntanji u widien[16]

---

[14] Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, "Introduzzjoni: Letteratura Favur l-Ambjent," *L-Antoloġija tan-Natura* (Malta: Segretarjat għall-Ambjent, 1995) xvii.

[15] Oliver Friggieri, "L-Ispazju u l-Kuxjenza Ekoloġika fil-Letteratura Maltija," *Oqsma tal-Kultura Maltija, Kungress Nazzjonali*, ed. Toni Cortis (Malta: Ministeru ta' l-Edukazzjoni u ta' l-Intern, 1991) 141.

[16] Ġorġ Borg, "Dil-Fjura," *Fjur ta' l-Ilma* (Malta: Akkademja tal-Malti, 1993) 59.

Ir-relazzjoni soda li hemm bejn il-ħlejjaq tan-natura tistieden lill-poeta sabiex jingħaqad magħha ħalli jkollu ċ-ċans igawdi l-armonija perfetta li tħaddan in-natura universali. In-natura tilqa' f'darha lill-poeta għax tafdah u taf li hu ħlejqa sensittiva u li jirrispetta kull moviment tagħha. Il-poeta jaf li sabiex ikun jista' jsir parti mix-xibka ta' relazzjonijiet bejn il-ħlejjaq irid jidħol fir-ritmi tan-natura u jimxi mal-passi tagħha. Oliver Friggieri, fil-poeżija "Impressjonijiet," jidher imħasseb dwar kemm se jirnexxilu jinża' l-kwalitajiet ta' bniedem u jsir jixbah aktar lill-ħlejjaq sabiex ikun jista' jġarrab l-akbar waqtiet tad-dinja naturali:

[...]
jagħtini n-ngħas u norqod, min se jiġi
jagħtini l-ħin eżatt sabiex nistenbaħ
u naqbad xemx tinqata' minn max-xefaq?[17]

Il-bniedem li jixtieq iduq ftit mir-relazzjoni intima li hemm bejn il-ħlejjaq irid iħalli warajh il-ħajja ta' l-ibliet u jissaffa mid-dnubiet tagħha qabel jidħol fil-qalba tad-dinja naturali. Għalkemm l-esperjenza tan-natura se tkompli ssaffih, il-bniedem irid ikun lest li jiċħad il-materjaliżmu u s-superfiċjalità tal-ħajja moderna. Fil-poeżija "Għajn Barrani," Joe Friggieri jenfasizza fuq din iċ-ċaħda: "Ħalli warajk l-għajat tal-bliet,"[18] sabiex l-esperjenza tan-natura tkun sħiħa u effettiva. Ħieles mit-toqol tal-ħajja urbana, il-bniedem huwa lest sabiex jibni relazzjoni tajba u soda man-natura. Għajn Barrani mhux il-post tal-barranin indifferenti iżda l-ambjent ta' dawk li għandhom relazzjoni tajba u soda man-natura. Bħalma n-nies li jirfsu l-art ta' Għajn Barrani huma magħżulin bir-reqqa u limitati, hekk ukoll huma dawk kollha li jixtiequ jidħlu fl-imkejjen naturali ta' Carmel Attard. Fil-poeżija "Il-Ġnien Tiegħi," Attard jillimita n-natura għalih biss. Għalkemm il-poeta jinsab maqtugħ mill-bqija tas-soċjetà, dan huwa l-post li fih hu jħossu maħbub, stmat u importanti. Il-ħlejjaq huma l-familja tiegħu u li magħhom hu jħossu komdu u kunfidenti: "jgħannquni / l-istess ħlejjaq / jinkuni."[19] L-esperjenza intima tar-relazzjoni tiegħu man-

---

17 Oliver Friggieri, "Impressjonijiet," *Dwal fil-Persjani*, Mario Azzopardi, Oliver Friggieri, Joe Friggieri, Ray Mahoney (Malta: Lux, 1972) 65.

18 Joe Friggieri, "Għajn Barrani," *Kadenzi* (Malta: Filprint, 1992) 55.

19 Carmel Attard, "Il-Ġnien Tiegħi," *Lampara* (Malta: Gulf,1980) 22.

natura, Attard joħrogħa qawwija fil-poeżija "Il-Lejla," fejn permezz tas-sensi u l-attività fiżika hu jħossu parti essenzjali mill-katina tan-natura:

Il-lejla mmiss ix-xtieli torja
[......................]
Illejla nitkellem mal-fjuri vjola
[......................]
Illejla nerġa' nħoss
il-kelma tal-qamar
[...] .[20]

Il-ħeġġa li għandu l-poeta sabiex isir parti min-nisġa armonjuża tan-natura twasslu biex jaqbad it-triq ta' l-immaġinazzjoni u jirritorna lejn l-istat primordjali fejn iħossu aktar parti essenzjali tan-natura. Ir-ritorn lejn l-għeruq ta' l-umanità fil-poeżija ta' Daniel Massa, "Delimara," idaħħal lill-bniedem f'relazzjoni aktar intima man-natura minn fejn twieled. Il-poeta lest li jinża' dak kollu li jxekklu sabiex ikun jista' jerġa' jibni relazzjoni soda u sinċiera man-natura: relazzjoni bħal dik li tgħaqqad lill-ħlejjaq kollha. Lura fl-istat primordjali, il-poeta jħossu mkenni u ċert minnu nnifsu għax dan huwa l-ambjent antik li mhux biss jafu iżda jħossu parti minnu:

[...]
forsi mrekken mal-koralli
fi spiralli stalaktiti ma' l-artikli kuluriti
sekli ilu kont
diġà
[...] .[21]

L-ekoloġista huwa l-osservatur tan-natura u tal-proċessi tagħha. Mingħajr ma jħarbat in-nisġa armonjuża tal-ħlejjaq, l-ekoloġista jirrapporta b'mod xjentifiku l-iżvilupp u l-addattament tan-natura fi nħawi differenti tad-dinja. Il-poeta jimxi fuq l-istess linji ta' l-ekoloġista xjentifiku għax bħalu jirrapporta s-sitwazzjoni ambjentali u jagħti deskrizzjonijiet tal-ħajja naturali. Il-poeta modern iżomm il-letteratura aġġornata maż-żmien hekk kif fiha jdaħħal elementi tax-xjenza li huma ċentrali fil-ħajja moderna.

---

20 Carmel Attard, "Il-Lejla," 15.

21 Daniel Massa, "Delimara," *L-Antoloġija tan-Natura*, 77.

Il-poeta, bħala ekoloġista, iħabbat wiċċu kontinwament mat-taqbida bejn il-kultura tal-bnedmin u n-natura. Mill-osservazzjonijiet tiegħu, il-poeta jintebaħ li fl-ispazju madwaru hemm taqbida infinita bejn l-ambjent naturali u l-ambjent uman. Il-kultura tal-bniedem, ikkaratterizzata mill-gafef u s-srieraq imdemmija: "U f'kull id serrieq-elettriku iqattar ħalib-demm,"[22] hija l-antagonista prinċipali tal-letteratura ekoloġika li żżomm in-natura bħala protagonista. Il-poeta modern huwa kuraġġjuż biżżejjed sabiex jidħol fil-qalba ta' din it-taqbida u b'mod mill-aktar sentimentali u emottiv jirrapporta t-tbatija u l-mewt tan-natura. Fil-poeżija "L-Imġiebaħ," Massa jassisti taqbida tipika li tħalli n-natura mejta:

[...]
kif bdiet tielgħa x-xemx
ras maqtugħa
mill-bajja ta' l-Imġiebaħ.[23]

Victor Fenech, fil-poeżiji "Tradiment," "Iż-Żabra" u "Il-Foresta taċ-Ċedru," jilmaħ in-natura mgħobbija bit-tbatija u s-sofferenza li ġabet magħha l-kultura kumplessa tal-bniedem: "[...] kaħħala sammru msiemer fil-ħamrija flok is-siġar li xettluna."[24] Taħt din il-pressjoni kontinwa, in-natura tinħass bħala forza falluta u dgħajfa u l-unika tama ta' salvazzjoni li għandha qiegħda fil-poeta. Madankollu, anki l-poeta jħoss li falla meta pprova jwaqqaf l-invażjoni tal-progress. Paul P. Borg, fil-poeżija "Idfnuni f'Wied il-Mistra," iħoss li kien dgħajjef wisq biex jirnexxilu jsalva l-ħajja sempliċi mdawra man-natura: "[... / i]d-dmugħ li bkejt u l-bżieq u l-kliem li fix-xejn ħlejt."[25] Il-kultura tal-bniedem rabbiet għeruq sodi wisq sabiex titrażżan mill-kliem u s-sentiment tal-poeta waħdu.

Għalkemm il-leħen solitarju tal-poeta jidher li ma jwassal imkien, il-poeta jibqa' konvint li hu se jagħmel differenza, imqar jekk ċkejkna ħafna. Għalhekk ikompli jgħawwar fit-taqbida bejn il-kultura umana u n-natura sabiex jikxef il-konsegwenzi koroh li qed iħalli l-progress. L-atmosfera ta' qerda u tbatija li jaħkmu l-poeżiji ta' Mario Azzopardi, "Ardabjola" u "Ċernobil," jagħtu ħjiel tal-konsegwenzi koroh li ġġib magħha r-rebħa mdemmija tal-kultura umana fuq in-natura. Bħall-ekoloġista xjentifiku, il-poeta jirrapporta l-ħerba tan-natura u l-proċessi tagħha:

---

22 Victor Fenech, "Il-Foresta taċ-Ċedru," *Sangraal* (Malta: Bugelli, 1987) 43.
23 Daniel Massa, "L-Imġiebaħ," *L-Antoloġija tan-Natura*, 200.
24 Victor Fenech, "Tradiment," *F'Altamira* (Malta: Gulf, 1979) 32.
25 Paul P. Borg, "Idfnuni f'Wied il-Mistra," *L-Antoloġija tan-Natura,* 74.

[. . .] mill-bronki ta' xmara 'nfettata.
[. . .] minn faxx skur ta' duħħan
qabel ma nqerdu l-friefet.[26]

Achille Mizzi jkompli miexi fuq il-passi ta' Azzopardi u bħalu jilmaħ it-tbatija ta' l-umanità u tan-natura minħabba l-progress teknoloġiku u xjentifiku. Il-progress daħħal lill-bniedem f'kunflitt miegħu nnifsu għax l-invażjoni tal-kultura fuq in-natura bdiet tħalli l-konsegwenzi tagħha anki fuq l-umanità. Fil-poeżija "Green Peace," Mizzi jisħaq fuq il-falliment tal-kultura li mexxielha tgħabbi lilha nnifisha bit-toqol tal-mard:

[...]
dak l-ilma
ta' safa innoċenti
[. . . . .]
min sejjer inaddfu
minn dan it-tniġġis.[27]

Il-poeta ekoloġista ma jiqafx biss fuq l-osservazzjoni ta' l-annimali u l-ħxejjex abitanti tan-natura, iżda mmexxi mis-sentiment u l-emozzjoni, ifittex li jipproteġi lill-ħlejjaq siekta mill-invażjonijiet tal-ħajja moderna. Il-poeta jżid is-sentiment mad-deskrizzjonijiet tan-natura sabiex il-poeżija tkun strument ta' difiża aktar qawwi. Filwaqt li l-ekoloġista xjentifiku joffri rapporti ċatti tan-natura u tal-bidliet li tgħaddi minnhom, il-poeta, l-ekoloġista letterarju, jidħol fil-qalba tan-nisġa naturali sabiex joffri viżjoni ġdida tan-natura bbażata fuq is-sentiment. Il-poeta huwa l-ekoloġista tas-sentiment li jgħaqqad il-prinċipji ekoloġiċi ma' prinċipji letterarji sabiex jipproduċi l-poeżija ekoloġika.

---

26 Mario Azzopardi, "Ardabjola," *Noti mis-Sanatorju tal-Mistiċi* (Malta: PIN, 1995) 4.
27 Achille Mizzi, "Green Peace," *Taqtir is-Skiet* (Malta: Bugelli, 1987) 28.